**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur John Spiteri]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 606/2020**

**Illum, 4 ta' Dicembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer u/jew fil-fond -Omissis- nhar it-8 ta' Novembru, 2020 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda*;*

1. B'ghemil zieni, kkorrompa persuna ta' taht is-sittax-il sena u cioe' -Omissis- ID: -Omissis-, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, kif ukoll sar minn axxendent mid-demm.

   *Art 203(1)(a)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena u cioe' -Omissis- ID: -Omissis-, fejn inghataw flus jew ghamliet ohra ta' rinumerazzjoni, kif ukoll liema delitt sar minn axxendent u cioe fuq membru tal-familja li ghall-xi zmien kienet tghix mieghu, kif ukoll fuq minuri ta' taht il-hmistax-il sena u cioe persuna vulnerabbli.

   *Art 204C (1), Art 204C (2)(b), Art 208AC (1)(b) (2)(a), Art 208AC (1)(d)(e)(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, xjentement gieghel, ghal-skopijiet sesswali persuni ta' taht l-eta' u cioe lill--Omissis- ID: -Omissis- sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni liema delitt sar minn axxendent u cioe fuq membru tal-familja li ghall-xi zmien kienet tghix mieghu, kif ukoll fuq minuri ta' taht il-hmistax il-sena u cioe persuna vulnerabbli.

   *Art. 204D (1)(c); 208AC (1)(b) (2)(a); 208AC (1)(d)(e)(g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma -Omissis- ID: -Omissis-.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' -Omissis- ID: -Omissis-, ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Marzu, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jitlob li l-imputat jinstab hati u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 31, 203(1)(a)(c) (2) u 208B (1) (2) (2A) (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-Artikoli 7, 8, 15A, 16, 17, 18, 19, 22, 27 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi semghet lill-espert psikjatriku <u>Dr Joseph Cassar</u> li kien nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex jezamina lill-parte civile -Omissis- u dan stante l-fatt illi hija ddikjarat li ma xtaqitx tixhed fil-konfront tal-imputat li jigi n-nannu taghha. Huwa jghid senjatament:

*"L-intervista mal-minuri -Omissis- skuzani -Omissis- ndikat li -Omissis- taf tirrakonta grajjiet tal-passat u dehret li tifhem l-importanza li wiehed jghid il-verita'. -Omissis- dehret konjittivament stabbli u l-livell konjittiv taghha kien propizju ghall-eta' taghha. Hi dehret ukoll orjentata fi zmien u fl-ispazju. L-intervista mal-minuri deher li -Omissis- ma jidhirx li kienet sfurzata biex ma titlax tixhed kontra nannuha u deher li t-twegibiet taghha*

*kienu spontanji u mhux irrihersjati. Hija gharfet li minkejja li ddecidiet li ma tridx titla' tixhed il-Qorti kontra nannuha ikun ta' hafna gid ghaliha jekk tibda tattendi sessjonijiet ma' Psikologa Klinika u stqarret reputatament li ghandha intenzjoni li tibda din it-terapija fil-futur qarib".*

Semghet ukoll lil missier il-minuri **-Omissis-** li wkoll iddikjara li xtaq iwaqqaf kollox u li ma riedx jiehu l-pedana tax-xhieda minhabba li l-imputat jigi missieru. L-istess ghamlet omm il-minuri.

Xehdet ukoll **Gail Kimmont** li tahdem fi hdan id-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal u tghid illi kienu rcevew informazzjoni mill-iskola tal-minuri -Omissis- fejn din kienet tkellmet mal-guidance teacher taghha fuq allegazzjoni ta' abbuz sesswali. Hija tghid illi qatt ma tkellmet personalment mal-minuri u l-irwol taghha kien biss biex tifformola r-rapport lill-pulizija.

Din il-Qorti kif presjeduta kellha l-okkazjoni li tisma' x-xhieda tal-minuri **-Omissis-** li regghet ikkonfermat quddiemha li ma xtaqitx tixhed ghaliex tkun qed terga' ggedded il-memorji hziena u fil-

mument kienet qed tahdem ma' psikologa sabiex thalli kollox warajha u ghalhekk xtaqet li dawn il-proceduri jieqfu.

Fl-ahhar semghet ix-xhieda tal-guidance teacher ta' -Omissis- Caroline Muscat fejn din ikkonfermat ir-rapport li kienet ghamlet lid-Direttorat rigward fatti li kienet qaltilha -Omissis-. Din tghid illi -Omissis- kienet irrakkontatilha li n-nannu taghha gieli messilha saqajha, sidirha jew daharha u li dawn l-atti kienu ilhom ghaddejjin xi seba' (7) snin. Tghid ukoll illi -Omissis- qaltilha wkoll li nannuha kien isaqsiha biex tfittixlu siti pornografici u kien jikkomparaha ma' mudelli li kien ikun qed jara.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat

Illi -Omissis- kien gie mixli bi tliet (3) akkuzi, l-ewwel (1) wahda fuq korruzzjoni ta' minorenni sancita mill-Artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodici Kriminali, it-tieni (2) wahda li kkommetta atti sesswali fuq minuri (Art. 204C(1)), u t-tielet (3) wahda taht l-Artikolu 204D(1)(c) li dawn l-akkuzi huma aggravati minhabba l-età tal-minuri u parentela.

Illi l-Qorti tibda biex tippremetti li ghal xi raguni l-Avukat Generali ddecieda li jipprocedi biss fuq l-ewwel akkuza u cioè dik tal-korruzzjoni tal-minorenni izda fuq iz-zewg akkuzi l-ohra ma pprocediex u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser toqghod tidhol fuq l-applikabilità o meno ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Illi qabel xejn, irid jinghad illi l-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hija prosegwibbli bil-kwerela tal-parti bid-differenza taz-zewg l-akkuzi l-ohra li l-imputat kien gie originarjament akkuzat bihom fejn dawn kienu prosegwibbli *ex ufficio*. Fil-fatt is-subinciz (3) tal-Artikolu 203 jghid is-segwenti:

> *(3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*
>
> *Izda meta l-parti offiza tirtira l-kwerela, il-Qorti tista' tiddeciedi u tordna l-kontinwazzjoni tal-procedimenti kontra l-allegat awtur, wara li tikkonsidra b'mod partikolari l-ahjar interessi tal-kwerelant, kull minuri involuti, u kull terzi persuni relevanti ohra, u ghandha tivverbalizza dik ir-rikjesta u decizjoni biex jigu registrati fl-atti tal-kawza:*

*Izda, ukoll, jitmexxa ex officio meta l-ghemil isir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur".*

Illi ghalhekk dan il-provvediment jistabbilixxi x'inhuma l-kriterji ghall-kontinwazzjoni ta' dawn il-procedimenti. Il-Qorti kif diversament presjeduta ma setghetx tiehu din id-decizjoni meta kienet rinfaccjata bl-irtirar tal-kwerela mill-genituri tal-minuri kif ukoll mill-minuri stess ghaliex l-imputat kien qed jaffaccja zewg akkuzi ohra li kif digà nghad, kienu qed jitmexxew *ex ufficio*. Illi però gialadarba l-Avukat Generali ddecieda illi jibqa' jipprocedi biss fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, id-decizjoni taht is-subinciz (3) ghandha tittiehed f'dan l-istadju.

Illi kif digà nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-akkuzat -Omissis- qed jigi rinfaccjat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni hekk kif aggravata bis-subartikoli (a) u (c) tal-Artikolu 203(1). Issa fil-kors tal-proceduri hareg car illi sija l-genituri tal-minuri -Omissis- u sija l-istess -Omissis- xtaqu jwaqqghu dawn il-proceduri u huma fil-fatt iddikjaraw bil-gurament li ma xtaqux jixhdu fil-konfront tal-imputat. Illi l-imputat *de facto* huwa n-nannu patern tal-minuri izda certament ma jaqax taht id-

definizzjoni ta' tutur ai termini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tistax tinjora anke dak li ssottometta l-espert psikjatriku nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta Dr Joseph Cassar fejn kien ezamina lil -Omissis- u ma kien irriskontra l-ebda vizzju fid-dikjarazzjoni tal-istess minuri. Issa a rigward tad-decizjoni li ser tittiehed fuq ir-rinunzja tal-proceduri din il-Qorti rat x'intqal fir-rapport tal-espert psikjatriku meta l-minuri -Omissis- stqarret mieghu illi *"'I have trouble sleeping at night because I overthink'. Hija qalet li minn meta hadet decizjoni li ma titlax tixhed il-qorti hija bdiet thossha hafna ahjar. -Omissis- hija certa li dak li stqarret fuq l allegat abbuz sehh verament pero thoss li ikun iktar ta weggha ghaliha jekk ikollha tipprocedi bil-qorti 'it would be much more painful for me to go ahead with court proceedings".* Il-minuri kkonfermat ukoll mieghu li hi kienet taqta' jdejha kwazi kuljum minn meta kellha hdax-il sena.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ghandha tiddecieda jekk twaqqafx dawn il-proceduri stante rinunzja tal-parte civile jew jekk tiddecidix din il-kawza fil-mertu. It-test li ghandu jigi adottat

huwa l-ahjar interess tal-parte civile u ta' xi minuri involuti. Jinghad illi l-uniku interess f'dawn il-proceduri huwa dak tal-minuri -Omissis- li llum il-gurnata din ghandha l-età ta' sittax (16)-il sena. Din il-Qorti hija sodisfatta mill-fatt illi tqis id-decizjoni tal-minuri bhala wahda definittiva u dan minhabba l-fatt illi hija kellha l-okkazjoni li tikkonferma din id-decizjoni tliet (3) darbiet tul il-kors ta' dawn il-proceduri, l-ahhar wahda kienet recentement quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Hija kkonfortata wkoll mill-fatt illi l-minuri qieghda tiehu ghajnuna psikologika kostanti u li qisha stabbilizzat hajjitha u ghalkemm din tghid illi l-affarijiet li kienet allegat fuq nannuha kienu minnhom din thoss illi m'ghandux jigi kkundannat fuqhom. Illi ghalhekk din il-Qorti mhix ser toqghod tanalizza u tikkwota x'inghad mill-imputat fl-istqarrija tieghu ghaliex f'din ic-cirkostanza ftit ghandha rilevanza.

Il-Qorti thoss ghalhekk illi ghalkemm ma tistax tbiddel id-diskrezzjoni tal-minuri u tal-genituri taghha li jwaqqghu dawn il-proceduri, ser tirrispetta d-decizjoni taghhom u taghmilha taghha u dan ghall-ahjar interess tal-istess -Omissis-.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 203(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara procediment ezawrit fl-ewwel (1)

akkuza kontra l-imputat **-Omissis-** stante rinunzja filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**